MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 258/2020 LM

**Brian Schembri (K.I. nru. 95580(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Brandon Muscat (K.I. nru. 576091(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Dr Brandon Kirk Muscat (K.I. nru. 576091(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' April, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imsemmi intimat, u laqa' it-talba tar-

rikorrent **Brian Schembri (K.I. nru. 95580(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] u ordna lill-appellant sabiex iħallas lill-appellat is-somma ta' elfejn mitejn sitta u sebgħin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€2,276.67). Għal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, it-Tribunal laqa' it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-appellat rikonvenzjonat, filwaqt li astjena milli jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra u tal-imsemmija kontro-talba. Dan filwaqt li ddeċieda li l-ispejjeż u d-drittijiet konnessi mat-talba u mal-kontro-talba kellhom jitħallsu mill-appellant rikonvenzjonant.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw il-pretensjoni għall-ħlas ta' xogħlijiet ta' tqegħid ta' *gypsum* li l-appellat eżegwixxa fil-proprjetà tal-appellant, u dan fuq l-inkarigu ta' dan tal-aħħar. Jirriżulta li l-partijiet kienu ltaqgħu fl-imsemmija proprjetà fejn l-appellat ħa notament ta' dak li l-appellant fisser li kellu jsir, u sussegwentement ħareġ l-istima 'Dok. A' annessa mal-Avviż tat-Talba tiegħu. Jirriżulta wkoll li sussegwentement sar xi tibdil fix-xogħlijiet miftehma, u dan skont ix-xewqa tal-appellant. Matul l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet, beda jinqala' xi diżgwid bejn il-partijiet, prinċipalment għaliex allegatament l-appellat ma żammx l-għoli tas-saqaf skont ir-rikjesta tal-appellant. Hekk kif spiċċa l-inkarigu tiegħu u l-appellat ħareġ il-kont finali tiegħu, hawn ukoll il-partijiet ma qablux.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk fit-3 ta' Novembru, 2020 ippreżenta talba quddiem it-Tribunal fil-konfront tal-appellant fejn ħarrku sabiex jgħid għaliex l-imsemmi Tribunal:

*"…m'għandux …prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas, lill-attur, s-somma ta' elfejn mitejn u sitta u sebgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€2,276.67) rappreżentanti l-valur tax-xogħlijiet li ġew eżegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tal-konvenut ġewwa l-fond fi Triq il-Qadima, Siġġiewi, kif hawn fuq spjegat".*

4. L-appellant wieġeb fit-22 ta' Diċembru, 2020 fejn eċċepixxa preliminarjament li: (i) huwa ma kienx il-leġittimu kuntradittur; (ii) huwa ma kienx sid il-proprjetà indikata, u lanqas ma kien inkariga lill-appellat sabiex jeżegwixxi xi xogħlijiet fl-imsemmija proprjetà; (iii) l-azzjoni kienet kolpita minn difett stante li ma saritx referenza għall-karti tal-identità; fil-mertu li (iv) huwa qatt ma kien ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont pretiż; (v) ix-xogħlijiet ta' *gypsum* eżegwiti fil-proprjetà differenti minn dik indikata, kienu milquta minn xogħol ħażin u ma sarux skont is-sengħa u l-arti u kif miftiehem; (vi) huwa kellu jinkorri spejjeż addizzjonali sabiex isewwi x-xogħol; (vii) ix-xogħlijiet ma żdiedux iżda tnaqqsu; (viii) huwa kien offra li jħallas ammont sostanzjali, iżda l-appellat baqa' jinsisti fuq somma vvintata bla raġuni valida fil-liġi; (ix) il-proċeduri saru b'mod frivolu stante li huwa qatt ma ddikjara li ma riedx iħallas; salv eċċezzjonijiet ulterjuri. L-appellant ippreżenta kontro-talba flimkien mar-risposta tiegħu, fejn talab lit-Tribunal sabiex:

*"a. Jiddikjara illi ix-xogħlijiet li saru mir-rikorrent rikonvenzjonat ma sarux skont is-sengħa u l-arti u/jew ma sarux skont kif miftiehem u/jew huma afflitti minn xogħol ħażin.*

*b. Jillikwida l-ispejjeż li l-intimat rikonvenzjonant sofra sabiex jirrimedja dawn in-nuqqasijiet, u*

*c. Jikkundanna lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex iħallas dik is-somma hekk likwidata",*

u dan bl-ispejjeż kontra l-appellat.

5. Ir-rikorrent rikonvenzjonat wieġeb kif ġej: preliminarjament li (i) il-kontro-talba hija rrita u nulla għaliex fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 400 tal-Kap. 12, l-appellant ma setax jeċċepixxi li huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur u fl-istess ħin iressaq kontro-talba; (ii) it-Tribunal ma kienx kompetenti *ratione materiae* jiddeċiedi t-talba tal-appellant; (iii) it-Tribunal lanqas kien kompetenti *ratione valoris;* fil-mertu li (iv) ma kienx minnu li x-xogħlijiet eżegwiti kienu *"...afflitti minn xogħol ħażin, u mhux skont is-sengħa u l-arti, u mhux skont kif miftiehem";* (v) ma kienx minnu li huwa kkawża danni lill-appellant; (vi) kwalsiasi danni allegati kellhom jiġu ppruvati; (vii) it-talbiet rikonvenzjonali kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; u dan salv risposti ulterjuri.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> ***Kunsiderazzjonijiet***
>
> *It-Tribunal l-ewwel ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi dwar it-tlett eċċezzjonijiet preliminari eċċepiti mill-konvenut li huma:*
>
> - *Il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*
> - *Il-konvenut m'għandu l-ebda proprjetà hekk kif indikat mir-rikorrenti u lanqas ma inkariga lir-rikorrent sabiex iwettaq xi xogħlijiet fil-proprjetà minnu imsemmija.*
> - *Din l-azzjoni hija kolpita b'difett serjissimu stante illi ġiet istitwita mingħajr referenza għall-karti tal-identità kemm tar-rikorrent, kif ukoll tal-intimat u għalhekk mhux skont kif rikjest mil-Liġi. Di più, jiġi rilevat ukoll li l-karta tal-*

> *identità tar-rikorrenti hekk kif miżjud wara l-preżentata tal-avviż tinfluixxi a* planta pedis *fuq l-Artikolu 175 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn hu stipulat li korrezzjoni ta' dik ix-xorti għandha tiġi awtorizzata biss minn dan l-Onorabbli Tribunal wara li jkun ġie nnotifikat l-intimat bit-talba tar-rikorrenti u wara li jinstemgħu il-partijiet. Dan mingħajr preġudizzju għall-istess Kap 12 li jipprojbixxi intavolar ta' avviż mingħajr karta tal-identità.*

*Mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta ċar illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, tant li r-relazzjoni hija ammessa mix-xhieda mogħtija mill-istess konvenut. In oltre, tant kemm kien hemm ftehim ta' appalt u saru xogħlijiet min-naha tal-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut li l-konvenut ressaq kontro-talba fil-konfront tal-attur li x-xoghol ma sarx skont is-sengħa u l-arti jew ma sarx skont il-ftehim. Mill-provi jirriżulta wkoll illi l-fond li qed jagħmel referenza għalih l-attur u li saru x-xogħlijiet fih mertu tal-kawża odjerna huwa l-istess wieħed li l-konvenut qed jirreferi għalih kemm fir-risposta u kemm fil-kontra-talba mressqa minnu u li jappartjeni l-istess konvenut flimkien mal-partner tiegħu, illum il-mara.*

*Għalhekk it-Tribunal qed jiċħad dawn it-tlett eċċezzjoni preliminari.*

*It-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi dwar l-ammont pretiż ta' €2,276.67, rappreżentanti l-valur tax-xogħlijiet li ġew eżegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u għall-benfiċċju tal-konvenut.*

*L-attur (fn. 11 A fol 21 et seq tal-proċess) kien intalab sabiex jagħti kwotazzjoni għal xi xogħlijiet ta'* gypsum. *Kien iltaqa' mal-konvenut u l-partner tiegħu, fejn l-konvenut kien spjega lill-attur x'xogħlijiet xtaq li jsiru. L-attur kien mar fuq il-post u ħareġ il-kwotazzjoni datata 24 ta' April, 2020, (fn. 12 A fol 2 tal-proċess) li ma kienetx tinkludi* spotlight cutouts *fil-*bulkheads *għaliex l-attur kien għadu ma jafx in-numru u t-tip ta'* spotlights *li kien ser jagħmel. Din il-kwotazzjoni kien bagħtha permezz tal-*Whattsapp *fuq in-numru tal-mobile tal-konvenut. Fit-22 ta' Ġunju, 2020 irċieva messaġġ mingħand il-konvenut fejn qallu li xtaq jipproċedi bix-xogħlijiet b'xi tibdiliet.(fn. 13 A fol 30 tal-proċess) Wara dan il-Messaġġ il-partijiet flimkien mal-partner tal-konvenut reġgħu iltaqgħu, u l-konvenut kien urih ritratt biex jurih xi xtaq bħala tibdiliet fix-xogħlijiet fuq in-naħa tas-salott. Ix-xogħol beda miexi, kienu jmorru impjegati tal-attur u hu kien imur jara jekk hux kollox sew. Kemm l-konvenut, il-*partner *tal-konvenut, kif ukoll missier il-konvenut kienu jmorru ta' spiss fuq il-post u qatt ma kien ikun hemm ilmenti. Wara li tlestew ix-xogħlijiet l-attur kien prova jikkuntattja lil konvenut sabiex jibgħatlu l-kont finali iżda ma bediex jirrispondih. Imbagħad kien bagħtlu l-kont finali (fn. 14 A fol 3 tal-proċess) u meta ċempillu l-għada biex jara jekk irċeviex il-kont l-attur qallu li kien ħa jaqta' għax kien rah għoli meta kien imqabbel mal-kwotazzjoni oriġinali. L-attur spjegalu li x-xogħlijiet li saru kienu inbidlu kif xtaq*

*huwa stess u allura kien ovvju li kien ser ikun hemm varjazzjoni fil-prezz. Il-partijiet kienu ltaqghu fuq il-post sabiex jiddiskutu l-kont u l-konvenut kien offra li jħallsu €1,300 u ċioe' l-ammont tal-kwotazzjoni oriġinali plus il-VAT.*

*Illi min-naħa l-oħra, il-konvenut spjega (fn. 15 A fol 42 et seq tal-proċess) li l-attur kien mar fil-proprjetà sabiex ikejjel u jinforma lilu u lil partner tiegħu kemm ser tiġi l-ispiża sabiex isiru x-xogħlijiet li talbu. Meta l-konvenut kien irċievha il-kwotazzjoni mingħand l-attur kien bagħtlu messaġġ sabiex jibda jaħdem u li x-xogħlijiet kienu ser isiru kif kienu ftehmu salv għal alterazzjoni żgħira li kellha tkun fil-kamra tas-sodda. Meta l-ħaddiema tal-attur lestew ix-xogħol, il-konvenut kien bagħat lill-attur sabiex jibgħatlu l-kont. L-attur ma kienx għaddielu l-kont iżda kien għarrfu bl-ammont li kien qiegħed jippretendi bħala ħlas għax-xogħol li sar. Kien ixxukja ruhu għax sar jaf li s-somma mitluba kienet żdiedet b'iktar minn elf Euro minn dak li kienu qablu fuqu meta l-attur kien kejjel fuq il-post. Meta kien staqsa lill-attur fuq id-diskrepanza, l-attur qatt ma kellu risposta konkreta u beda jlaqlaq. Iltaqa' mal-attur flimkien mal-partner tiegħu biex jiddiskutu u jsibu soluzzjoni fejn offrew is-somma ta' €1,300 li kienet iktar minn dik kwotata stante li naqqsu x-xogħol u inkludew iżżejjed tal-*cut-outs *iżda l-attur ma aċċettax.*

*Huwa ritenut illi:*

> *In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għal prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, fil- kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawża ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabilità ċivili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004)*

*Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet Murphy vs Delia li tgħid is-segwenti:*

> *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet ħafna bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu involuti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suggettività dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha innifisiha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawn il-persuni l-oħrajn li jkunu involuti b'xi mod fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li*

*jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet." (fn. 16 Prim'Awla, Qorti Ċivili; 11/06/2015; Ċit. Nru. 665/2006)*

*F'dan il-każ il-ġudikant huwa ggwidat mill-insenjament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet Farrugia vs Farrugia mogħtija fil-24 ta' Novembru 1966 fejn kien ingħad hekk: (fn. 17 rik Nru: 101/2010JPG)*

*Il-konflitt fil-provi huwa ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli fil-Qorti f'dak l-istat ta' perpelessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola* in dubio pro reo.

*Mill-provi jirrizulta b'mod ċar illi x-xogħol twettaq mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut fil-proprjetà tal-konvenut flimkien mal-partner tiegħu. Tant hu hekk talli l-konvenut offra lill-attur l-ammont ta' €1,300 tax-xogħol kollu li sar u dan sabiex tingħalaq il-kwistjoni b'mod amikevoli, stante li skont huwa l-alterazzjoni li ntalbet minnu kellha pjuttost tnaqqas l-ammont mill-ewwel fattura għall-kont finali. (fn. 18 Vide x-xhieda taż-żewġ partijiet) Li ma hemmx qbil fuqu mill-partijiet huwa kif l-attur wasal għall-ammont indikat fil-fattura originali għal dak indikat fit-tieni fattura. L-attur isostni li l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt li ser ikun hemm alterazzjonijiet u li dawn kienu ser ifissru li l-kont finali ser ikun ferm ogħla. Min-naħa tiegħu l-konvenut qed jgħid li l-istima oriġinali kellha pjuttost tonqos stante li skont l-istruzzjonijiet li ta lil-attur huwa, l-ammont finali kellu jonqos u mhux jiżdied.*

*Illi t-Tribunal ma jistax ma jsemmiex li l-konvenut fl-affidavit sostna li l-attur qatt ma bagħtlu l-kont finali iżda kien mgħarraf biss b'kemm hu l-kont finali, (fn. 19 Paragrafu 23, a fol 44 tal-proċess) u fil-kontro-ezami (fn. 20 A fol 120 tal-proċess) qal li l-* breakdown *ta' dan il-kont qatt ma irċevieh iżda sussegwentent kemm fl-affidavit u kemm fil-kontro-eżami qal li huwa ried li din il-kwistjoni tingħalaq bil-kelma t-tajba u għalhekk kien offra somma flus lill-attur. It-Tribunal ma jistax jifhem kif min-naħa waħda il-konvenut jgħid li qatt ma rċieva l-kont imma min-naħa l-oħra pprova jasal għal ftehim wara l-kont finali u dan anke mit-telefonata li saret bejn il-partijiet fejn meta l-attur mill-ewwel ġibidlu l-attenzjoni sabiex jara l-kejl kien hemm kemm fil-kwotazzjoni u kemm fil-kont finali. In oltre, il-konvenut insista ukoll illi huwa qatt ma ġie interpellat sabiex iħallas is-somma pretiża mill-attur meta jirriżulta kemm mix-xhieda tiegħu u tax-xhieda prodotti minnu li huwa prova jersaq lejn l-attur sabiex jagħlqu l-kwistjoni amikevolment.*

*Ikkunsidra li l-attur qal illi ix-xogħlijiet li ried li jsiru meta ltaqgħu l-ewwel darba kienu, kif ukoll spjega x'xogħol effettivament sar:*

- Hidden light bulkhead *u* flat ceiling*, bi tlett naħat fuq is-salott. L-attur ippreżenta ritratt tax-xogħlijiet kif saru u spjega l-ewwel darba li ltaqgħu l-partijiet l-intendiment tal-konvenut kien li barra x-xogħol hawn fuq mitlub, il-kumplament tas-saqaf kellu jibqa' fuq* concrete *iżda jiġi miksi u miżbugħ minn terzi. Effettivament imbagħad il-konvenut talbu sabiex jagħmel il-kumplament tas-saqaf bil-gypsum, kif ukoll sabiex il-*hidden bulk head *u* vertical bulkhead *issir b'erba naħat u mhux bi tliet naħat.*
- Vertical bulkhead *u* flat ceiling*. L-attur ippreżenta ritratt fejn spjega li anke hawnhekk il-kumplament tas-saqaf kellu jibqa' fuq il-*concrete*, iżda kien sar il-gypsum.*
- Vertical bulkhead *fil-kamra tas-sodda. L-attur ippreżenta ritratt fejn qal li l-istess xogħol bħal ta' hawn fuq kien intalab, iżda kienet iżgħar li saret fil-kċina.*
- Curtain recess *fis-salott. L-attur ippreżenta ritratt u spjega li din hija sempliċiment struttura żgħira biex warajha teħel purtiera.*

*Ikkunsidra li l-konvenut qal li x-xogħlijiet li hu u l-partner tiegħu talbu u li fuqhom l-attur ħareġ il-kwotazzjoni kienet:*

*Fil-*kitchen/Living Dining

- *Saqaf miksi bis-suffett mal-kamra kollha*
- Bulkhead *mad-dawra tal-*cupboard
- *Dawra bid-dawl ġos-suffitt li kellha tiġi fuq is-salott*
- Curtain recess *ġos-suffitt fuq it-tieqa ta' barra*

*Fil-kamra tas-sodda*

- Bulkhead *fil-forma ta' L li jibda minn fuq is-sodda u jdur fuq il-gwardarobba.*

*Ikkunsidra li l-pjanta ppreżentata mill-konvenut (fn. 21 A fol 95 tal-proċess) li tħalliet mill-impjegati tal-attur wara li tlesta x-xogħol finali fl-ebda mument ma ġiet kontradetta mill-attur u li għalhekk ċertament hemm qbil illi x-xogħol kollu indikat fir-ritratti sar. Il-konvenut u x-xhieda imressqa minnu spjegaw li l-konvenut kien ta l-pjanta* to scale *lill-attur sabiex jgħinu. Mill-pjanta jirriżulta li l-kejl tal-*open plan *kollha hija 39.38 metru kwadru u l-kamra tas-sodda hija 10.69 metru kwadru. Fil-kwotazzjoni ma jirriżultax li l-*flat ceiling *kien ser isir fuq dan il-metraġġ kollu, iżda jirriżulta mill-kont finali.*

*Ikkunsidra t-telefonata bejn il-partijiet senjatament meta l-attur staqsa għala ma riedx iħallas il-kont finali l-konvenut kien pront wieġbu għaliex ma kien hemm tibdil*

*ta' xejn u li hu dispost iħallas skont l-istima u mhux skont il-kont finali. L-attur spjegalu li d-diskrepanza kienet fuq is-salott u fuq il-kċina u fuq l-*spotlight cut-outs*. Fir-rigward tal-kejl l-attur stieden lil-konvenut sabiex imur u jkejlu s-salott u l-*common area *tal-kumplament sabiex jaraw id-differenza u jaraw jekk jaqblux fejn għal dan il-konvenut wieġeb li l-attur kien kejjel fl-istima u ma kellux għalfejn ikejjel huwa. Il-konvenut baqa' jinsisti li hu propens iħallas l-istima u dan anke jekk wara li ġie installat is-suffitt kien hemm problemi li kienu ġa tkellmu dwarhom.*

*Ikkunsidra li fil-kontro-ezami l-konvenut qal: (fn. 22 A fol 119 tal-process)*

> L-alteration li tlabtu jien kienet fuq l-L shape tal-bedroom u niċħad li jien wrejtu xi ritratti u tlabtu biex din il-bulkhead tinbidel minn U shape ghal kwadra kellha tkun.

*Fir-rigward tal-kejl fil-kontro-ezami l-konvenut qal: (fn. 23 Ibid.)*

> Qed jigi suggeriet lili b'referenza għal dokument 'A' fejn jingħad tlett ceiling quantity 24.62 meters squared din kienet l-area li giet miftiehma u ċioe' li fil-fatt ma kellux jintuża l-flat ceiling fir-rigward taż-żona kollha u tal-area kollha li tinsab indikata f'dokument BM3 bħala area 39.38 square meters. Ngħid li jiena ma nistax nispjega kif fil-kwantità fuq dokument 'A' hija indikata inqas minn dak miftiehem. Nikkontendi li l-ftehim bejnietna kien dejjem dak illi l-flat ceiling kellu jkopri l-ispazju kollu u ċioe' 39.38 square meters.

*Għalkemm ma hemmx qbil fir-rigward tal-alterazzjonijiet li ntalbu, anke mill-konvenut stess (fn. 24 vide affidavit u kontro-eżami fejn il-konvenut jgħid li talab alterazzjoni żgħira biss fil-kamra tas-sodda, mentri mir-*recording *esebita minnu jgħid lill-attur li hu ma talabx alterazzjonijiet wara l-kwotazzjoni li tinsab a fol 2 tal-proċess), it-Tribunal huwa moralment konvint li alterazzjonijiet wara l-istima intalbu u li dawn ma kienux jikkonsistu biss f'alterazzjonijiet fil-kamra tas-sodda. (fn. 25 li ġiet riflessa anke fil-kont finali a fol 3 tal-proċess) Il-konvenut fl-ebda mument ma qal li x-xogħol li spjega l-attur li sar, mhux vera sar. Jirrizulta ċar ukoll illi l-kejl tal-pjanta* to scale *jirrispekkja il-metraġġ indikat fl-ammont finali.*

*Għalhekk it-Tribunal ser jilqa' it-talba tal-attur fl-intier tagħha.*

*It-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-kontro-talba ppreżentata mill-konvenut rikonvenzjonant.*

*Illi l-konvenut rikonvenzjonat ta tlett eċċezzjonijiet prelimiari senjatament li:*

1. *Il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija irrita u nulla għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, billi l-istess konvenut rikonvenzjonant ma jistax jeċċepixxi li ma huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti, u, fl-istess waqt, iressaq kontro-talba, billi fost oħrajn:* "Il-konvenut ma jistax

jipproponi kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu", *u dan skont l-Artikolu 400 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti* ratione materiae*, ossija m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjonant, billi dan l-istess Tribunal ma huwiex kompetenti, ossija m'għandux ġurisdizzjoni, sabiex (i) jiddeċiedi talba dikjaratorja; (ii) jillikwida u konsegwentement jikkundanna lill-attur iħallas ammont inċert jew indeterminat, ossija ammont li ma ġiex indikat fil-kontro-talba; u (iii) addirittura, jagħti* "kull provvediment ieħor li jidhirlu xieraq u opportun*", kif mitlub mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tiegħu;*

3. *Dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti* rationae valoris*, ossija m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant dwar ammont inċert jew indeterminat, billi, filwaqt illi skont Artikolu 3 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta:* "It-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)", *skont l-Artikolu 747 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:* "l-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata"*;*

*It-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi fuq it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari.*

*Ikkunsidra li l-konvenut rikonvenzjonat fit-talba rikonvenzjonata ma semmiex x'danni ġew sofferti konsegwenza ta' xogħol pprestat mill-attur rikonvenzjonat ma sarx skont is-sengħa u l-arti u/jew ma sarux skont kif miftiehem u/jew huma afflitti minn xogħol ħażin, iżda talab lit-Tribunal sabiex jillikwida d-danni. Il-konvenut rikonvenzjonat kull ma semma fl-affidavit u matul ix-xhieda tiegħu kienet biss li kellu jidħol fi spejjeż addizzjonali biex b'xi mod iħalli 265cm għoli u allura kellu jagħmel xogħlijiet mal-post kollu li kienu:*

- *Iqabbad lil tal-madum sabiex inaqqas it-torba;*
- *Iġib skip sabiex jarmi it-torba (l-iskip waħdu gie jiswih €200); u*
- *Iqabbad lill-electrician sabiex iniżżel il-pajpijiet tas-servizzi, liema xogħlijiet ġew jiswewhom €600. Madanakollu ma ġie ppreżentat l-ebda dokument sabiex jipprova dawn l-ispejjeż u lanqas saret talba sabiex jispeċifika s-somma li qed jitlob fir-rikonvenzjoni.*

*L-Artikolu 747 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"l-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata.*

*Il-funzjoni tat-Tribunal odjern huwa stipulat taħt Artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament:*

It-Tribunal ghal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

*Jirriżulta li t-talba hija fuq ammont indeterminat u għalhekk it-Tribunal jilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni."*

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fid-9 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"...tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar nhar il-21 t'April 2022 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tiċħad t-talbiet tal-attur appellat u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, takkolji l-aggravji u l-eċċezzjonijiet tal-intimat appellant u takkolji t-talba tal-intimat rikonvenzjonant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat, u dan skont dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni".*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) it-Tribunal ivvaluta u ċaħad b'mod żbaljat l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tiegħu; (ii) it-Tribunal kien żbaljat ukoll meta ċaħad it-talba rikonvenzjonali tiegħu; (iii) it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u skont il-para. (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380; (iv) it-Tribunal għamel valutazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi; u (v) huwa m'għandux ibati spejjeż tal-proċeduri odjerni.

6. Fir-risposta tiegħu l-appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha, u jispjega r-raġunijiet għal dan.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħud in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal ivvaluta u ċaħad b'mod żbaljat l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tiegħu]*

8. L-appellant jirrileva li huwa spjega diversi drabi, saħansitra anki waqt it-trattazzjoni, li l-kawża odjerna kienet ġiet istitwita fir-rigward ta' xogħlijiet li saru ġewwa proprjetà fi Triq il-Qadima, is-Siġġiewi. Madankollu irriżulta mill-provi li huwa ma kellu l-ebda proprjetà f'dik it-triq. Isegwi li huwa kellu jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur, u t-Tribunal ma setax imur oltre u jestendi l-vertenza għal fuq proprjetà oħra f'Triq Lapsi, Siggiewi. Jirrileva wkoll li bejnu u martu teżisti s-separazzjoni tal-beni, u għalhekk jirriżulta n-nuqqas tal-integrità tal-ġudizzju stante li l-leġittimu kontradittur kellhom ikunu huma t-tnejn flimkien, iżda l-appellat naqas milli jsejjaħ lil martu fil-proċeduri odjerni u huwa qatt ma jista' jiġi kkundannat iħallas għal iktar minn sehemu.

9. L-appellat min-naħa tiegħu jilqa' billi jissottometti li fil-fehma tiegħu, l-ewwel aggravju huwa wieħed frivolu u vessatorju għaliex (a) Triq Lapsi u Triq il-Qadima t-tnejn jinstabu fis-Siġġiewi u jmissu ma' xulxin, skont kif jirriżulta mill-affidavit tiegħu u mid-dokument anness man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u minn provi oħra; (b) mhux kontestat il-fatt li huwa kien ġie nkarigat mill-appellant sabiex jagħmel diversi xogħlijiet ta' *gypsum* ġewwa l-proprjetà tiegħu u dan kien jirriżulta b'mod ċar mill-provi, inkluż mill-affidavits tal-partijiet; (ċ) l-

appellant saħansitra qed jilmenta mill-kwalità tal-istess xogħlijiet, u ressaq ukoll kontro-talba dwarhom. Jikkontendi li l-appellant ma jistax fuq naħa waħda jeċċepixxi li huwa mhux il-leġittimu kontradittur u li huwa mhux is-sid tal-proprjetà fejn saru x-xogħlijiet, u fl-istess ħin jgħid li dawn tal-aħħar ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u li huwa sofra danni tant li għadda sabiex ippreżenta kontro-talba, iżda jsostni wkoll li huwa qatt ma rrifjuta li jħallas. Jikkontendi li dawn id-difiżi jikkontradixxu lil xulxin. Dwar il-kwistjoni li l-appellant u martu għandhom s-separazzjoni tal-beni u li martu kellha tiġi kjamata fil-kawża, jgħid li huwa dejjem innegozja u kkomunika mal-appellant biss, u għalhekk dan kellu jwieġeb għat-talbiet tiegħu.

10. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant qiegħed jisħaqq għal darb'oħra li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur għaliex skont hu x-xogħlijiet mertu tal-proċeduri odjerni allegatament saru ġewwa fond fi Triq il-Qadima li mhux proprjetà tiegħu. Lanqas ma tifhem kif huwa għadu qed jirrileva l-kwistjoni eċċepita fit-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, fejn jikkontendi li huwa ma nkarigax lill-appellat sabiex jeżegwixxi xogħlijiet fil-proprjetà indikata. Tikkunsidra li joħroġ ċar mill-affidavit tiegħu u ta' martu n-Nutar Kelsey Muscat, li x-xogħlijiet in kwistjoni saru fil-proprjetà tagħhom. Barra minn hekk ix-xhieda tagħhom in kontro-eżami tikkonferma dan. Għalhekk ma jista' ikun hemm l-ebda dubju li l-fond fejn ġew eżegwiti x-xogħlijiet in kwistjoni huwa proprju dak li l-appellant jagħmel riferiment għalih fl-Avviż tat-Talba tiegħu. B'hekk it-Tribunal kien korrett meta ddikjara li l-fond mertu tal-preżenti proċeduri li għalih jagħmel riferiment l-appellat fejn saru x-xogħlijiet, huwa l-istess wieħed li l-appellant jirreferi għalih fir-risposta tiegħu u anki fil-kontro-talba magħmula minnu, liema fond jappartjeni lilu u l-*partner* tiegħu, illum il-mara tiegħu. Dwar

l-inkarigu li ngħata lill-appellat, kif sewwa rrileva t-Tribunal, il-provi hawn ukoll huma ċari permezz tad-dikjarazzjoni tal-appellant stess mogħtija fix-xhieda tiegħu, kemm permezz tal-affidavit iżda wkoll in kontro-eżami. Għal dak li jirrigwarda l-lanjanza tal-appellant li l-appellat naqas milli jsejjaħ lil martu sabiex tipparteċipa fil-proċeduri odjerni, il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni kellha titressaq mill-appellant quddiem it-Tribunal in via ta' eċċezzjoni, u mhux hawn quddiem din il-Qorti fejn b'hekk jekk ittrattata, jkun qed jintilef id-dritt tal-parti l-oħra li tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet opportuni u anki d-dritt ta' eżami doppju.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal ċaħad b'mod żbaljat it-talba rikonvenzjonali tal-appellant]*

11. L-appellant isostni li t-tielet eċċezzjoni tal-appellat għat-talba rikonvenzjonali tiegħu, hija nulla u monka għaliex l-artikolu 747 tal-Kap. 12 japplika biss fir-rigward ta' forum meqjus bħala qorti u mhux bħala tribunal. Jikkontendi li t-Tribunal mhux strettament qorti u mil-liġi joħroġ ċar li dan mhux marbut bl-istess formalitajiet kif jipprovdi għalihom il-Kap. 12. Għalhekk il-valur inċert mhux neċessarjament għandu jaqa' 'il barra mill-ġurisdizzjoni tiegħu. L-appellant jiċċita sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta[1], in sotenn tal-argument tiegħu.

12. L-appellat iwieġeb billi jirrileva li t-Tribunal għalkemm għandu jimxi bl-inqas formaliżmu possibbli, ma jista' qatt jiddeċiedi kontra l-liġi. Filwaqt li jagħmel riferiment għas-subartikolu 741(1) tal-Kap. 12, jissottometti li l-

[1] Allied Insurance Agency Limited vs. Borg Grech Evellina, App. Inf., 10.03.2004.

appellant ma ndikax fil-kontro-talba tiegħu s-somma totali ta' danni li huwa kien qed jippretendi mingħandu. Barra minn hekk fl-affidavit tiegħu l-appellant reġa' naqas milli jindika din is-somma kif kien tenut li jagħmel.

13. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Filwaqt li osserva li fl-affidavit l-appellant indika spiża ta' €600 għal dawk ix-xogħlijiet li kellu jeżegwixxi sabiex jirrimedja x-xogħol allegatament ħażin tal-appellat, l-imsemmi appellant naqas milli jippreżenta prova dokumentarja in sostenn ta' dan, u anki naqas milli jagħmel talba sabiex jindika s-somma pretiża minnu skont it-talba rikonvenzjonali tiegħu. It-Tribunal korrettement għamel riferiment kemm għas-subartikolu 747(1) tal-Kap. 12, kif ukoll għall-artikolu 3 tal-Kap. 380, u ddikjara li ġaladarba t-talba tal-appellant hija għal ammont indeterminat, huwa kien qed jilqa' it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-appellat fil-konfront tat-talba rikonvenzjonali magħmula mill-appellant. Il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-ħsieb, u m'għandha xejn iktar x'iżżid miegħu.

14. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u bi ksur tal-para. (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380]*

*Ir-raba' aggravju:* *[it-Tribunal għamel valutazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi sottomessi]*

15. L-appellant filwaqt li jirrileva li ser jittratta dawn iż-żewġ aggravji flimkien, jissottometti li għalkemm it-Tribunal insista fuq l-importanza taċ-

ċertezza morali, dan għadda sabiex straħ fuq kontradizzjonijiet tal-appellat, mingħajr ma kkunsidra d-deposizzjoni tal-istess appellat u dik tax-xhieda mressqa minnu. Jikkontendi li huwa min-naħa tiegħu kien konsistenti fl-atti proċesswali u anki fix-xhieda tiegħu, fejn kien spjega li huwa kien irċieva biss *screenshot* tat-total permezz ta' messaġġ fuq *Whatsapp.* L-appellant isostni li kont debitament komunikat lill-klijent, għandu jkun leġibbli u aċċessibbli u għandu jkun fih l-informazzjoni kollha dwar data, dettalji tat-taxxa u tal-VAT u n-numru ta' fattura, u m'għandux jikkonsisti f'sempliċi *screenshot* tat-total. Jirrileva li fit-telefonata lill-appellat, huwa kien għamel riferiment għal 'kont' għaliex din kienet l-istess kelma li uża l-appellat, u anki għaliex kien ferm iktar faċli li wieħed jikkomunika b'dan il-mod. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qal it-Tribunal dwar is-saqaf fil-kamra tas-sodda, l-appellant jistaqsi kif l-imsemmi Tribunal wasal għall-konklużjoni li kien sar xi suffitt fil-kamra tas-sodda. Jikkontendi li hawn ukoll dan għamel suppożizzjonijiet li kien juri nuqqas gravi u serjissimu ta' imparzjalità. L-appellant jinsisti li huwa kien konsistenti meta spjega t-tibdiliet li effettivament saru fix-xogħol meta mqabbel mal-*quotation*, filwaqt li jirrileva li min-naħa tiegħu t-Tribunal ikkunsidra li ma kienx hemm qbil saħansitra bejn il-kontro-eżami tal-appellant u r-*recording* esebit minnu, fir-rigward tal-alterazzjonijiet mitluba. Jispjega li l-mertu tat-telefonata in kwistjoni kien l-abbuż serju tal-appellat, li kien ta' iktar importanza mill-kwistjoni tal-"L" *shaped bulkhead.* Imma jispjega wkoll li meta fl-imsemmija telefonata huwa qal li ma ntalbux alterazzjonijiet, huwa ried ifisser li ma ntalbux alterazzjonijiet li jimmeritaw diskrepanza ta' iktar minn elf Euro. Jallega li skont it-Tribunal, dawk il-fatti li ġraw kellhom jitqiesu li ma seħħewx għar-raġuni sempliċi li ma ssemmewx. Ikompli jargumenta li t-Tribunal kien żbaljat ukoll

meta ddikjara li l-kejl fil-pjanta *to scale* kien juri l-metraġġ indikat fl-ammont finali, u filwaqt li jinsisti li minn imkien ma kien jirriżulta li sar xi *flat ceiling* fil-kamra tas-sodda, jallega nuqqas ta' imparzjalità u ta' nuqqas t'apprezzament tal-provi, stante li skont hu t-Tribunal għalaq għajnejh għall-verità. Għal dak li jirrigwarda l-modalità tal-ħlas, l-appellant jissottometti li fil-ġurisprudenza hemm distinzjoni msejsa fuq il-mod li jkun ġie kkummissjonat ix-xogħol. Filwaqt li jagħmel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appelli Ċivili[2], jispjega li fil-każ odjern il-prezz kien għax-xogħol kollu kkummissjonat, iżda t-Tribunal naqas li jikkunsidra dan. Jirrileva li mill-provi kien jirriżulta li l-appellat kien ammetta l-iżball tiegħu li nstalla s-suffitt aktar 'il isfel minn dak miftiehem, iżda abbużivament ġiegħel lill-istess appellant jaċċetta xogħolu kif inhu. L-appellant hawn jagħmel riferiment għas-sentenzi tal-Qrati[3] in sostenn tal-argument tiegħu fir-rigward tal-kont sussegwentement ippreżentat lilu. Jaċċenna fuq il-fatt li l-ewwel kelma tal-appellat fil-kontro-eżami tiegħu hija 'niċħad' dak li hemm miktub fl-affidavit ġuramentat tiegħu stess. B'hekk jistaqsi kif seta' it-Tribunal ikun moralment konvint fid-deċiżjoni tiegħu fid-dawl tal-kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-appellat.

16. Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li ma jista' jiġi kkonstat l-ebda nuqqas ta' imparzjalità min-naħa tat-Tribunal, u jirrileva li matul il-proċeduri kollha, l-appellant naqas milli jirrileva din il-kwistjoni. Jgħid li l-fatt li l-appellant ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal, ma kien jagħtih l-ebda jedd sabiex jallega nuqqas ta' imparzjalità. Jikkontendi li dawn iż-żewġ aggravji huma dwar l-apprezzament tal-provi kif magħmul mit-Tribunal, u hawn

[2] Carmelo sive Charles Mallia *vs.* Ivan John Fonk, 24.01.1975.
[3] Ignazia Degabriele *vs*. George Calleja, P.A, 30.06.2004, u Johann Schembri *vs.* Charlot Mifsud, App. Inf., 19.10.2005.

jgħaddi sabiex jiċċċita l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-indħil tagħha fl-apprezzament tal-provi magħmul minn qorti tal-ewwel istanza. L-appellat jgħid li fil-fehma tiegħu hawn ma teżisti l-ebda raġuni 'serjissima' sabiex din il-Qorti tiddisturba l-imsemmi apprezzament magħmul mit-Tribunal, liema apprezzament jgħid li kien wieħed studjat u dettaljat. Imbagħad jgħaddi sabiex jagħmel diversi sottomissjonijiet fil-mertu fir-rigward tal-aggravji mressqa mill-appellant. Jirrileva li l-istima oriġinali kienet ta' €1,123.06, eskluż il-VAT u l-*cutouts,* u dan kif kien jirriżulta minn Dok. A anness mal-avviż promotur, imma l-kont finali kif kien jirriżulta minn Dok. B hemm ukoll anness, kien fl-ammont ta' €1,929.38, eskluż il-VAT u inkluż il-*cutouts,* li ma kienux konstestati mill-appellant. L-ilment tal-appellant jgħid li kien fir-rigward taż-żieda ta' €746.52, liema ammont l-appellat kien spjega fl-affidavit tiegħu kif ġie nkors riżultat tad-disinn il-ġdid magħżul mill-appellant. Huwa jerġa' jispjega mill-ġdid ir-raġuni ta' din iż-żieda bbażata fuq iż-żieda fil-metraġġ. Ikompli jispjega li min-naħa tiegħu l-appellant baqa' jinsisti li huwa kien tenut iħallas fuq l-istima oriġinali. Jikkontendi li l-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal kien wieħed korrett, meħud in konsiderazzjoni prinċipalment li l-appellant ma kienx kredibbli għal bosta raġunijiet, li huwa jgħaddi sabiex jelenka u jispjega. Jirrileva li l-appellant kien naqas milli jġib prova suffiċjenti sabiex juri li kien hemm xi ftehim dwar l-għoli tas-suffitt, u li l-appellat kien naqas milli jonora l-imsemmi ftehim. Jgħid li kien hemm biss il-kelma tal-appellant li ma tantx wieħed seta' joqgħod fuqha. Filwaqt li jagħmel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, jgħid li ċ-ċirkostanzi hawn huma pjuttost identiċi. L-appellat jirrileva wkoll li kien hemm prova li l-awtoritajiet kompetenti kienu ħarġu l-*compliance certificate* fir-rigward tal-proprjetà tal-appellant, u

dan kien juri li s-suffitt ma kien jippreżenta l-ebda problema fir-rigward tal-għoli tiegħu. Jissottometti li l-ilment tal-appellant mhu xejn għajr skuża sabiex jevita l-ħlas ta' dak dovut minnu u dawn l-aggravji għandhom jiġu miċħuda.

17. Il-Qorti tibda billi tgħid li kif sewwa qed jirrileva l-appellat, ma jistax jingħad li t-Tribunal wera nuqqas ta' imparzjalità u ekwità sempliċement għaliex iddeċieda li ma kellux jaċċetta l-pożizzjoni tal-appellant. Il-Qorti tikkunsidra li l-ilment prinċipali tal-appellant skont dak li huwa eċċepixxa fir-risposta tiegħu, imma anki mid-deposizzjoni tiegħu u tax-xhieda prodotti minnu, jirrigwarda l-allegat xogħol ħażin eżegwit mill-appellat, u l-kwistjoni dwar l-alterazzjonijiet fl-istess xogħol hija waħda sussidarja. Saħansitra l-kontro-talba mressqa minnu hija msejsa esklussivament fuq l-ewwel kwistjoni. Madankollu, is-sotto-missjonijiet tiegħu fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aggravji, jduru mat-tieni kwistjoni, li għalhekk hija pjuttost waħda li qegħda tiġi elaborata f'dan l-istadju tal-appell. Dwar din tal-aħħar, it-Tribunal esprima l-fehma li huwa kien moralment konvint li saru xi alterazzjonijiet fix-xogħol li għalih ġie nkarigat l-appellat mill-appellant wara li l-appellat ħareġ l-istima tiegħu. Il-Qorti tgħid li hija daqstant konvinta, imma dan ukoll fid-dawl ta' dak li ġie dikjarat mill-appellat u anki mill-appellant fid-deposizzjoni rispettiva tagħhom. Tirrileva li in kontro-eżami l-appellat aċċetta li '...l-*flat ceiling kellu jkopri l-ispazju kollu u ċioe' 39.38 square meters'* u dan filwaqt li ddikjara li *'...ma nistax nispjega kif il-kwantità fuq dokument 'A' hija ndikata inqas minn dak miftiehem'.* Il-Qorti tgħid li din id-diskrepanza bejn il-kejl muri fl-istima u dak attwalment indikatfuq il-pjanta, li huwa stess għadda lill-appellat, seta' ġie faċilment ikkonstat mill-appellant, li ma kellux ikun sorpriż bil-kont finali, li prattikament kien id-doppju tal-istima. Għall-kuntrarju ta' dan kollu, tirrileva li permezz tas-seba' eċċezzjoni

tiegħu l-appellant sostna li ma kienx minnu li x-xogħlijiet żdiedu, iżda attwalment ġew imnaqqsa minn dawk oriġinarjament miftehma. Imma quddiem din il-Qorti, fir-rikors tal-appell tiegħu jissottometti *"l-intimat ukoll kien konsistenti meta spjega it-tibdiliet li saru bejn il-kwotazzjoni u x-xogħol finali ...".* Għalhekk il-Qorti ma tarax li t-Tribunal kien żbaljat meta ddikjara li *'jirriżulta ċar ukoll illi l-kejl tal-pjanta* to scale *jirrispekkja il-metraġġ indikat fl-ammont finali",* u bl-ebda mod ma tista' tikkunsidra li l-alterazzjonijiet kienu jikkonsistu fis-sempliċi bidla minn *"L" shaped bulkh*ead għal *vertical bulkh*ead *fil-*kamra tas-sodda. Il-Qorti ssib li d-differenza fil-metraġġ bejn l-istima u l-kont finali hija ampjament spjegata fix-xhieda tal-appellat, u tikkunsidra li jidher li l-kwistjoni hawn hija waħda ta' malintiż min-naħa tal-appellat, li fir-rikors tiegħu jammetti li *"...l-intimat appellant ma jifhimx fix-xogħol tal-attur...ma jifhimx kif jinxtara u kif jinħadem l-gypsum. Fejn jaf l-intimat jekk il-gypsum jinxtarax b'folji doppji? Fejn jaf l-intimat jekk l-installer tal-gypsum hux se jikkwota nofs il-metraġġ għax fl-aħħar mill-aħħar il-folji se jkunu doppji? L-intimat, il-klijent, ma jafx. Il-klijent inkariga lill-installer, lill-attur, u huwa l-attur li ser jieħu ħsieb".* Dwar il-'kont' li l-appellant irċieva permezz ta' *screenshot* fuq *Whatsapp* allegatament konsistenti biss f'total*,* il-Qorti tgħid li jekk f'dak l-istadju anzi fi kwalunkwe stadju sussegwenti, huwa kien qiegħed jikkontesta l-imsemmi total, huwa kien tenut u kellu d-dritt jitlob kont dettaljat mingħand l-appellat, u l-appellat kien fid-dover li jipprovdilu d-dokument rikjest. B'hekk ukoll l-appellat seta' jifhem dak li huwa stess iddikjara li ma kienx fehem.

18. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li dawn iż-żewġ aggravji huma ġustifikati, u tiċħadhom.

*Il-ħames aggravju: [l-intimat m'għandux ibati spejjeż]*

19. Permezz tal-aħħar aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti r-raġunijiet kollha tiegħu għaliex huwa m'għandux ibati spejjeż. Jikkontendi li l-korrispondenza ta' bejn il-partijiet sabiex il-vertenza tiġi riżolta b'mod amikevoli, kienet intemmet ħesrem min-naħa tal-appellant li mill-ewwel istitwixxa l-proċeduri odjerni mingħajr l-ebda interpellanza, filwaqt li jinsisti li qatt ma kien hemm dikjarazzjoni min-naħa tiegħu li ma riedx iħallas.

20. L-appellat iwieġeb li dan kien qed jingħad min-naħa tal-appellant minkejja l-eċċezzjonijiet li kien ressaq quddiem it-Tribunal, flimkien mal-kontro-talba u l-preżentata tal-appell odjern. Jikkontendi li dan l-aggravju huwa wieħed frivolu u vessatorju, u saħansitra permezz tiegħu l-appellant qed jammetti t-talbiet tal-appellat.

21. Il-Qorti ma tarax li l-appellant qiegħed jippreżenta raġunijiet sufficjenti li jagħtu lok sabiex dan l-aħħar aggravju tiegħu jintlaqa'. Tikkunsidra dak li qal l-appellat fl-affidavit tiegħu dwar id-diffikultajiet li sab sabiex jikkomunika mal-appellant hekk kif wasal sabiex joħroġ il-kont finali għal xogħolu, u tgħid li fid-dawl tal-imsemmija diffikultajiet, l-insistenza tal-appellant għal interpellanza ulterjuri mhijiex f'postha.

22. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aħħar aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**